MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 311/2007

Kawza fil-lista: 57

**A B sive B C D**
**vs**
**E C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000), fil-kolleggjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' l-iskrizzjoni mitejn u tnejn u tletin tas-sena elfejn (232/2000) (Dokument A);

2. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi inoltre, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u ragunijiet ohra kontemplati fl-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255), iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett legali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Marzu 2000 kien null u bla effett legali; u

2. Konsegwentement tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-riposta guramentata tal-konvenut li biha sostna li kien il-kunsens matrimonjali ta’ l-attrici li kien vizzjat fit-termini tal-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 ;

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant li permezz taghha huwa wkoll talab li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet jigi dikjarat null, izda ghar-ragunijiet attribwibbli lill-attrici fit-termini tal-paragrafi precitati ;

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab a fol.16 tal-process ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni u tal-kontro talba, il-partijiet qed jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghhom kuntrattat fit-18 ta’ Marzu 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini ta’, l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta’ Marzu 2000 meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn, u meta l-attrici kellha circa xahar tqala. Wara hajja konjugali ta’ sena u nofs, u konvivenza ta’ circa erba’ snin, il-partijiet isseparaw. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fit-23 ta’ Settembru 2000.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet hazin sa minn qabel iz-zwieg. Hija tilmenta mill-fatt li l-konvenut, ghalkemm kien jahdem hafna, ma kienx jaf jiggestixxi l-flus u kien jonfoq izjed milli jaqla’. Dan il-fatt kompla, u aggrava, wara z-zwieg, b’ mod li l-attrici, li kienet baqghet tahdem, kienet tispicca b’ nuqqas ta’ flus, bir-rizultat li l-genituri taghha kienu jhallsulha hafna affarijiet.

Izda l-akbar problema ezistenti bejn il-partijiet, allura gharajjes, kien dovut ghall-fatt li fl-gherusija, wara sentejn, l-attrici kienet skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ tfajla ohra, liema relazzjoni, skond hi, kienet ilha sejra minn xahar wara li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien. Ghalkemm eventwalment l-attrici kienet hafret lill-konvenut, dan il-fatt baqa’ f’ mohha u kien ta’ tfixkil serju ghat-tishih tar-relazzjoni bejn il-partijiet, kemm bhala

gharajjes kif ukoll bhala mizzewwgin ; u dan peress li l-attrici hasset li ma setghetx tibqa' tafda lill-konvenut, izjed u izjed meta dana kien jahdem sieghat twal.

Tghid li bejniethom kien hemm barriera, u nuqqas kbir ta' affezzjoni, u li kienet izzewwget f' dak iz-zmien unikament minhabba li kienet qeda tistenna tarbija mill-konvenut. Konsegwentement, ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu waqqfu fi stadju inizjali taz-zwieg. Tghid li prattikament wara l-honeymoon dawn naqqsu drastikament sakemm eventwalment spiccaw kompletament mat-twelid tat-tifla. Takkuza lill-konvenut li ma kienx jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg.

*Verzjoni Konvenut*

Minn naha tieghu l-konvenut, in sostanza jikkonferma l-verzjoni ta' l-attrici fis-sens li l-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet waqfet fi stadju inizjali taz-zwieg. Jikkonferma li huwa kien accetta li jizzewweg lill-attrici unikament minhabba t-tarbija li kellha titwieled.

Il-konvenut jghid li r-relazzjoni ma' l-attrici kienet hzienet hafna meta kienu ghadhom gharajjes, u di fatti, tmien xhur qabel iz-zwieg huwa ma kellhomx relazzjonijiet intimi aktar. Kien eventwalment li l-partijiet ipprovaw jirrangaw ir-relazzjoni, u kien f' din l-okkazzjoni li rrezumew ir-relazzjonijiet intimi, izda biss il-konvenut ma kienx jaf li l-attrici kienet waqfet tiehu l-pillola kontracettiva, bir-rizultat li wara ftit taz-zmien hija nqabdet tqila. L-ahbar tat-tqala kien ta' xokk kbir ghall-konvenut li kien inkonsapevoli tal-fatt li l-gharusa tieghu kienet waqfet tiehu l-pillola.

Huwa kien accetta li jizzewweg lill-attrici unikament minhabba t-tqala. Jghid: "Kien hemm nuqqas ta' feeling minn naha tieghi li beda qabel iz-zwieg."[1] Ghalkemm ma kienx ihobb lill-attrici xorta wahda accetta li jizzewwigha,bir-rizultat li wara l-honeymoon ir-relazzjonijiet intimi kienu naqsu hafna, u wara t-twelid tat-tarbija waqfu kompletament, peress li l-attrici, allura

[1] Fol.79

martu, kienet tirrifjuta li jkollha x’ taqsam mieghu. Dan kien f’ Settembru 2001.

Huwa jirrakkonta okkazzjoni meta f’ Ottubru 2001 l-attrici halliet lil binthom f’ idejn il-konvenut u l-genituri tieghu, ghal xi tlett gimghat, biex marret Sqallija ghand xi hbieb. Jghid li fis-sajf tas-sena 2003 l-attrici kienet diga’ talbitu s-separazzjoni, izda dak iz-zmien, huwa kien irrifjuta minhabba t-tifla.

Il-konvenut jammetti li fiz-zmien ta’ l-gherusija huwa kellu flirt ma’ mara ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza f’ dan il-kaz l-ezisitenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijet. Il-komportament taghhom kemm qabel, kif ukoll immedjatament wara z-zwieg, juri difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja konjuali. Huma zzewwgu, mhux ghax verament kienu jhobbu lil xulxin u bl-iskop li jibnu familja u jstabbilixxu “a community of life and love” imma biss minhabba li kienet gejja tarbija taghhom fid-dinja. Dan jispjega kif wara t-twelid tat-tifla, u ftit xhur wara z-zwieg, il-hajja konjugali bejniethom hadet direzzjoni l-isfel b’ mod li, ftit taz-zmien wara, spiccat ghal kollox.

In-nuqqas da parti tal-partijiet li jgharrfu u jifhmu l-import tal-hajja konjugali kien ta’ ostakolu serju sabiex jghixu f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. L-attrici wriet dan in-nuqqas meta zzewwget lill-konvenut, nonostante li kienet ghadha mhux konvinta li tista tafdah li jkun fidil lejha, liema dubju ppersista matul il-hajja konjugali qasira, u kien ta’ xkiel ghall-integrazzjoni tal-partijiet fil-hajja mizzewwga. Minn naha tieghu, il-konvenut wera li ma fehemx l-import tal-hajja konjugali meta accetta li jizzewweg mara li ma kienx ihobb, u li r-relazzjoni maghha kienet diga’ spiccat sa minn qabel iz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici u dawk tal-konvenut huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba t-talbiet attrici, u l-kontro talbiet, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Marzu 2000.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------